MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-21 ta' April, 2005

Numru 174/2005

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Carmel Sammut** ta’ 32 sena, mwieled Pieta’ nhar it-12 t’ April, 1973, iben Joseph u Pauline nee Gauci, residenti f’ ‘Hortensia’, Triq in-Nigret, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 195073(M);

Akkuzat;

Talli f’dawn il-gzejjer, fid-29 ta’ Gunju, 2004 approprjajt ruhhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuni ohra, minn apparat cellulari tal-marka ‘Nokia 6600’ u accessorji ohra li lkoll huma propjeta’ ta’ Brigitte Borg minn San Pawl il-Bahar, liema apparat kien gie fdat jew ikkunsinnat lilek taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat;

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement lqajt ghandek hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati

b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

Talli f'dawn il-gzejjer, fit-2 ta' Settembru, 2004 u fix-xhur ta' qabel din id-data kellek fil-pussess jew taht il-kontroll tieghek pistola awtomatika tal-marka 'Pheonix Arms – Raven' bin-numru serjali 3014002 u ghaxar bullets kalibru (.25 mm) barra minn fond jew post li jaghmel mieghek;

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, zammejt u garrjet l-istess arma u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, sparajt l-istess arma tan-nar f'post pubbliku;

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, meta gejt fil-pussess tal-imsemmija arma tan-nar u munizzjon xort'ohra milli mill-licenzja, nqast li minnufih taghti l-avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dawk l-arma tan-nar u munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tghat l-avviz;

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT talli fit-2 ta' Settembru, 2004 u fix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer xjentement kellek fil-pussess tieghek u/jew taht il-kontroll tieghek l-imsemmija pistola awtomatika tal-marka 'Phoenix Arms – Raven' u munizzjon li l-importazzjoni taghhom hija projbita' u/jew ristretta u li ghandhom valur totali ta' Lm21.00c u dazju ta' Lm1.06c6, kif ukoll Taxxa fuq il-Valur Mizjud li tammonta ghal Lm3.97c2, liema dazju u VAT ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

(U dan bi ksur tal-Art. 60(a)(b)(c)(d)(k), Art. 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) paragrafu (a) tal-proviso tal-Art. 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u tal-Art 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII tal-1998) tal-Ligijiet ta' Malta)

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz ikun trattat u deciz tal-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fuq l-akkuzi kollha hlief ghat-tieni akkuza;

Semghet ukoll lill-prosekuzzjoni tiddikjara illi t-tieni akkuza hija wahda alternattiva ghal-ewwel akkuza;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante l-ammissjoni l-akkuzi kif ser jinghad jirrizultaw pruvati u ssib lill-imputat hati taghhom hlief ghat-tieni akkuza li l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha peress illi hija alternattiva ghall-ewwel akkuza li hija ppruvata.

Wara li rat l-artikoli 293 u 339 (1) (b) tal-Kap 9, 3 (1), 3 (1A), 9 (1) tal-Kap 66, u 60 (a) (b) (c) (d) (k), 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) u paragrafu A proviso art 62 Kap 37 u 80 Att XXIII (1998).

Tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' tlett (3) xhur mil-lum, liema terminu ma jiddekorriex jekk l-imputat jikkometti rejat iehot punibbli bi prigunerija sa zmien sitt (6) xhur mil-lum skond l-art 28A tal-Kap 9, inoltre tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Lm48 u tordna l-konfiska u d-disturzzjoni tal-oggetti esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------